

Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent

Dikjarazzjoni ta' Brussell, 17 ta' Diċembru 2025

Aħna, il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea (UE) u tal-Istati Membri tagħha, f'konsultazzjoni mas-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent, illum ikkonkludejna dan li ġej:

1. Is-Summit tal-lum juri s-saħħa tar-relazzjoni tagħna u l-benefiċċji li tagħti liċ-ċittadini tagħna. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-isfidi ġeopolitiċi li qed jiżdiedu jissottolinjaw il-ħtieġa għal **rabtiet dejjem aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent**. Is-Summit huwa l-aktar okkażjoni sinifikanti tas-sena biex tiġi kkonfermata mill-ġdid is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Balkani tal-Punent.
2. Intennu l-impenn sħiħ u inekwivoku tagħna lejn il-perspettiva tas-sħubija tal-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea. Il-**futur tal-Balkani tal-Punent huwa fl-Unjoni tagħna**. It-tkabbir huwa possibbiltà realistika, li għandha tinħataf.
3. Nilqgħu d-**dinamiżmu** ġdid u **l-progress li sar mill-aħħar Summit 'l hawn**. L-aċċellerazzjoni fil-proċess ta' adeżjoni, ibbażat fuq riformi kredibbli mis-sħab, kundizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji, hija fl-interess reċiproku tagħna.
4. It-tkabbir huwa **investiment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità**, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Granada. L-urġenzi ta' żminijietna jeħtieġu momentum sostnut. Membri aspiranti jeħtieġ li jkattru l-isforzi ta' riforma tagħhom. B'mod parallel, jeħtieġ li l-Unjoni żżid il-ħidma ta' tħejjija u r-riformi interni tagħha.
5. L-UE tilqa' l-**impenn** tas-sħab tal-Balkani tal-Punent **li jirrispettaw il-valuri u l-prinċipji Ewropej, f'konformità mad-dritt internazzjonali, il-premazija tad-demokrazija, id-drittijiet u l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt**, u tistenna li dan juruh kemm bil-kliem kif ukoll bl-azzjoni, billi jieħdu r-responsabbiltà u jimplementaw ir-riformi meħtieġa, b'mod partikolari fil-qasam tal-elementi fundamentali. Il-libertà tal-espressjoni, media indipendenti u pluralistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u rwol b'saħħtu għas-soċjetà ċivili huma kruċjali biex tiġi żgurata demokrazija li tiffunzjona. L-UE tappella lis-sħab biex jiggarantixxu d-drittijiet u t-trattament ugwali ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

6. **Il-kooperazzjoni reġjonali inklużiva, ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** għadhom kruċjali għall-bini ta' futur komuni kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali in bona fide u b'riżultati tanġibbli, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni mal-Bulgarija. Għadhom meħtieġa aktar sforzi deċiżivi biex irawmu r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà reġjonali, kif ukoll biex jinstabu u biex jiġu implimentati soluzzjonijiet definittivi, inklużivi u vinkolanti għat-tilwim u l-kwistjonijiet bilaterali u reġjonali tas-sħab bl-għeruw tagħhom fl-imġhoddi, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni, u l-każijiet li fadal ta' persuni nieqsa u kwistjonijiet ta' delitti tal-gwerra.
7. **Ninsabu magħqudin fl-appoġġ sod tagħna għall-Ukrajna u fis-solidarjetà magħha,** hekk kif qed tiddefendi s-sovranità u l-integrità territorjali tagħha kontra l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u illegali tar-Russja. Intennu l-appoġġ tagħna għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, ibbażata fuq il-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali. Ser inkomplu ninvestu fil-multilateraliżmu u nikkooperaw mas-sħab biex nirrispettaw id-dritt internazzjonali.
8. L-allinjament **mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE**, inkluż l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri restrittivi tal-UE u l-ġlieda kontra ċ-ċirkonvenzjoni, jibqa' espressjoni qawwija tal-għażla strateġika ta' sieħeb. Infaħħru lil dawk is-sħab tal-Balkani tal-Punent li huma diġà kompletament allinjati u nħeġġu lil dawk li għadhom ma għamlux dan biex jagħmlu bħalhom.
9. L-UE tilqa' l-kontribuzzjonijiet tas-sħab għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**. L-UE tkompli tappoġġa lill-Balkani tal-Punent fl-indirizzar tat-theddid għaċ-ċibersigurtà u theddid ibridu ieħor, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin u tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni biex tinbena r-reżiljenza, inkluż permezz taċ-Ċentru ta' Ċiberkapacià tal-Balkani tal-Punent u t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija.
10. Nilqgħu l-ewwel **Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża** fil-Balkani tal-Punent u t-tnedija ta' Djalogi dwar is-Sigurtà u d-Difiża. Nibqgħu impenjati għall-appoġġ li qed jingħata fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

11. Nibqgħu impenjati li nqarrbu lill-Balkani tal-Punent lejn l-UE, anke waqt il-proċess ta' tkabbir. **L-integrazzjoni gradwali**, imwettqa b'mod riversibbli u bbażata fuq il-mertu, għadha għaddejja f'diversi oqsma ta' politika, b'benefiċċji konkreti għaċ-ċittadini sa mill-bidu tagħha u t-tnejn tas-sisien tal-adeżjoni. Għandhom jitqiesu aktar proposti dwar l-integrazzjoni gradwali, soġġett għall-allinjament rilevanti mal-acquis tal-UE. Il-progress fl-integrazzjoni ekonomika għandu jippreserva bis-siġħ l-integrità tas-suq uniku tal-UE u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.
12. Nilqgħu l-progress fl-**integrazzjoni gradwali tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fis-Suq Uniku tal-UE**, inkluż dwar:
- l-implimentazzjoni tal-**inizjattivi tal-Awtostrada tas-Suq Uniku**, l-estensjoni tal-**Korsiji Ħodor** bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, u l-finanzjament tal-modernizzazzjoni u l-**armonizzazzjoni tal-qsim tal-fruntieri**;
 - l-adeżjoni b'suċċess ta' diversi sħab fiż-**Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA)** ma' oħrajn li jinsabu fit-triq it-tajba biex jissieħbu wkoll, u b'hekk jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet bankarji;
 - is-sħubija f'**inizjattivi diġitali** jew ir-replikazzjoni tagħhom, bħaċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali, il-WiFi4WB u l-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali;
 - **it-tnaqqis fil-kostijiet tar-roaming tad-data** bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent mill-1 ta' Ottubru 2023, li jikkonferma l-impenn tagħha għaż-żona tal-UE "**Roaming daqslikieku f'Pajjiżek**" u l-proċess tal-estensjoni tagħha għall-Balkani tal-Punent, li jippermetti liċ-ċittadini jċemplu, jibagħtu messaġġi u jużaw data mobbli kullimkien fl-UE u fir-reġjun mingħajr spejjeż żejda.
13. L-UE tinnotta li l-**Pjan ta' Tkabbir** ser iħaffef il-konverġenza soċjoekonomika bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE, dment li s-sħab jimplementaw ir-**riformi relatati mal-UE**. Il-Pjan ta' Tkabbir għandu l-potenzjal li jaċċellera t-tkabbir ekonomiku fir-reġjun matul id-deċennju li ġej billi jipprovdi sa EUR 6 biljun għar-riformi u l-investimenti. Dan minbarra d-EUR 29 biljun li qed jiġu żborżati permezz tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment. L-UE tappella biex isir l-aħjar użu mill-opportunitajiet mingħajr preċedent ipprovduti mill-Pjan ta' Tkabbir permezz tal-implimentazzjoni f'waqtha tar-riformi.

14. L-UE tissottolinja li **s-Suq Reġjonali Komuni** huwa katalist għal integrazzjoni aktar profonda u pass 'il quddiem lejn is-Suq Uniku tal-UE. L-UE tappella lis-sħab tal-Balkani tal-Punent biex jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għal kooperazzjoni kostruttiva biex din issir realtà u jimplimentaw il-ftehimiet diġà konklużi.
15. L-UE tilqa' u ser tkompli tappoġġa t-tiżiħ tal-konnettività, inkluż l-enerġija, it-trasport u l-qasam diġitali fir-reġjun u mal-UE. L-UE tkompli tappoġġa **l-isforzi li għaddejjin biex jiġu diversifikati s-sorsi u r-rotot tal-provvisti tal-enerġija**. Dan ser iżid is-sigurtà tal-enerġija tagħna u jnaqqas id-dipendenzi. L-UE ser tkompli tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni tal-enerġija fil-Balkani tal-Punent.
16. **Il-ġestjoni tal-migrazzjoni** tibqa' sfida u responsabbiltà komuni u prijorità ewlenija. Filwaqt li sar progress, hija meħtieġa aktar azzjoni mis-sħab tal-Balkani tal-Punent biex jallinjaw bis-sħiħ mal-UE il-politika tagħhom dwar il-viżi, jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u jkomplu jsaħħu l-ġestjoni tal-fruntieri, is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza u r-ritorni lejn il-pajjiżi ta' oriġini.
17. Għandhom ikomplu wkoll l-isforzi konġunti fil-**għlieda kontra l-korruzzjoni, it-traffikar tad-droga, u l-forom kollha ta' kriminalità serja u organizzata**, kif ukoll fil-prevenzjoni u l-għlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt il-ġdid iffirmit reċentement, u bil-ħsieb tat-tnedija tal-Koalizzjoni Ewropea Kontra d-Droga (ECAD) biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mad-droga.
18. In-nuqqas ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Pristina u Belgrad qed ikompli jżomm lura liż-żewġ sħab fil-perkors Ewropew tagħhom. Il-ftehimiet milħuqa fid-**Djalogu bejn Belgrad u Pristina ffaċilitat mill-UE** jridu jiġu implimentati, b'mod partikolari l-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni u l-Anness tiegħu. L-appoġġ fil-qafas tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent huwa b'kundizzjoni li jkun hemm involviment kostruttiv mis-sħab bi progress li jista' jitkejjel u riżultati tanġibbli fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom.

19. Nisħqu fuq l-importanza li jibqgħu għaddejjin l-isforzi reċiproċi dwar il-**komunikazzjoni strateġika**, inkluż dwar il-benefiċċji tat-tkabbir u l-integrazzjoni gradwali kif ukoll il-ħtieġa li jinbnew il-fiduċja, il-fehim u l-kunsens bejn soċjetajiet differenti. Għandna fiduċja li s-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent ser jikkomunikaw lill-pubbliku tagħhom li l-UE tibqa' l-eqreb sieħba tar-reġjun, id-donatur ewlieni, investitur u sieħba kummerċjali, u juru l-impenn tagħhom għall-valuri u r-riformi tal-UE permezz tal-kliem u l-azzjoni.
20. Nistennew b'interest **is-Summit li jmiss bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent fil-Montenegro** f'Ġunju 2026.

21. Nilqgħu l-allinjament tas-sħab tal-Balkani tal-Punent¹ ma' din id-Dikjarazzjoni.
-

¹ Is-Serbja ma allinjatx ruħha.